DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 91/2007

tas-6 ta' Lulju 2007

li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 54/2007 tat-8 ta' Ġunju 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi l-qafas għall-ħolqien ta' l-ajru uniku Ewropew ([2]), ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru fl-ajru uniku Ewropew ([3]), ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu dwar l-organizzazzjoni u l-użu ta' l-ispazju ta' l-ajru fl-ajru uniku Ewropew ([4]) u r-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabblità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku ta' l-Ajru ([5]) kienu inkorporati fil-Ftehim b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 67/2006 ([6]) tat-2 ta' Ġunju 2006, b' addattamenti speċifiċi għal kull pajjiż,

(3) Ir-Regolament (KE) tal-Kummissjoni Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' ħlasijiet għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru ([7]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 66wc (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"66wd. **32006 R 1794**: Ir-Regolament (KE) Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' ħlasijiet għas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1794/2006 fil-lingwa Iżlandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar is-7 ta' Lulju 2007, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 266, 11.10.2007, p. 14.
([2]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 10.
([4]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.
([5]) ĠU L 96, 31.3.2004, p. 26.
([6]) ĠU L 245, 7.9.2006, p. 18.
([7]) ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3.
(*) Ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Lulju 2007.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Stefán Haukur JÓHANNESSON